27 ta' Mejju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*;

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Pietro Vassallo *versus* William Bonello ne.

**Nomina ta' Perit — Digriet Interlokutorju — Appell — Nullità — Art. 217 u 227 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-pronunzjament tal-Qorti li bih jiġi nominat perit huwa digriet interlokutorju.*

*Jekk dan il-pronunzjament ikun fih id-direttivi li fuqhom għandu jimxi l-perit fl-espletament ta' l-inkarigu tiegħu, dawn id-direttivi ma jammontawx għal dikjarazzjonijiet deċiżivi u obbligatorji jekk ma jkunux inkorporati fid-dispożittiv ta' dak il-pronunzjament.*

*Billi pronunzjament simili huwa digriet interlokutorju, l-appell minnu għandu jsir bil-proċedura tar-rikors; diversament dak l-appell huwa null.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re li biha l-attur, wara li qal li hu-

wa xtara minn għand il-konvenut nomine 60 kaxxa bajd ta' barra li jesgħu 800 bajda kull waħda bil-prezz komplessiv ta' £650 (dok. A), u li huwa, kif jidher mill-prospett u mid-dokumenti l-oħra annessi maċ-ċitazzjoni (dok. B, C u D), sab kwantità kbira ta' bajd ħżiena, li flimkien jammontaw għal £306. 7. 6, u li l-konvenut nomine qiegħed jirrifjuta li jirrestitwixxi lilu l-prezz tal-bajd li huwa sab ħziena ammontanti komplessivament għas-somma ġà speċifikata ta' £306. 7. 6; talab illi l-konvenut nomine ikun kundannat jirrestitwixxi u jħallas lill-attur is-somma ta' £306. 7. 6, prezz ta' kwantità ta' bajd fuq speċifikata, li l-attur sab li huma ħżiena u mhux atti għall-użu li għalih kienu destinati; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-17 ta' Settembru 1945, kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-21 ta' Frar 1946, li biha ġie nominat għal dik l-indaġini l-Avukat Dr. Michele Tufigno bi spejjeż provviżorjament.... ...... u l-kawża baqgħet għall-preżentazzjoni tar-rapport għat-28 ta' Marzu 1946; wara li dik il-Qorti ikkunsidrat;

Illi kuntrarjament għal dak li jallega l-konvenut, l-użu fix-xiri ta' bajd huwa illi l-kumpratur għandu jiġi ndennizzat mill-importatur meta jsib bajd ħażin. Hemm differenza bejn importaturi u negozjanti li jbiegħu bl-ingrossa u bid-dettall. Fil-każ preżenti l-attur xtara minn għar l-konvenut li kien l-importatur. Lanqas hawn ma hemm il-kwistjoni jekk l-attur għandux jiġi kunsidrat bħala l-importatur tal-partita tal-bajd, għaliex dina l-partita ġiet mixtrija minn għand il-konvenut minn barra, biss biegħha qabel waslet Malta;

*Omissis;*

Illi però, sabiex il-Qorti tkun tista' tikkontrolla liema kwantità ta' bajd tassew instabet ħażina u ta' liema kwantità l-attur għandu dritt għar-rifużjoni tal-prezz, hemm bżonn ta' provi aħjar da parti ta' l-attur;

Illi għalhekk hemm bżonn illi tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk l-attur għandux xi drittijiet kontra l-konvenut dwar il-

kaxxi bajd illi Michele Zammit biegħ bħala kaxxi mimlija mingħajr ma eżaminahom; kif ukoll hemm bżonn li jiġi stabbilit jekk l-attur għandux dritt għar-rifużjoni ta' parti millprezz ta' dawn il-kaxxi meta l-attur seta' jirritornahom lillkonvenut bħala kaxxi mimlija;

Illi in rigward għall-bajd ħażin li sabu Saverio Micallef.... .......;

Illi għalhekk hemm bżonn illi jiġi stabbilit kemm hija l-kwantità ta' bajd illi Michele Zammit biegħ f'kaxxi magħluqa kif ġew minn barra u kemm hija l-kwantità ta' bajd ħażin illi tiegħu l-konvenut huwa responsabili tar-rifużjoni talprezz;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab illi d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn iddikjarat il-konvenut mhux responsabili ta' danni għall-kaxxi li huwa biegħ magħluqa għaliex ma ġiex avżat minn Michele Zammit jew mill-attur tal-bejgħ talbajd fihom kontenuti bil-prezz ta' 2s. 9d. it-tużżana u għaliex dawn il-bajd ma ġewx depożitati, u fejn innominat il-perit legali Dottor Michele Tufigno biex jeżegwixxi l-inkariku fuq riferit, u tiġi konfermata fil-kumplament, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li wara li ddikjara li jrid jipprevalixxi ruħu mill-appell avversarju, talab li l-appell prinċipali..............;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fid-dispożitiv tal-pronunċjament ta' l-Ewwel Qorti, li kontra tiegħu ġie ntressaq dan l-appell, ma hemmx ħaġa oħra ħlief nomina ta' perit legali li kellu jespleta l-inkariku tiegħu fuq id-direttivi kontenuti fil-motivazzjoni. Dawk iddirettivi ma jammontawx għal dikjarazzjonijiet deċiżivi u obligatorji, billi ma ġewx inkorporati fid-dispoiżtiv (art. 217 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Ikkunsidrat;

Illi l-pronunċjament fuq imsemmi huwa digriet interlokutorju, billi ġie pronunċjat fil-kors tal-ġudizzju u jippresup-

poni warajh sentenza definitiva (ara Appell 27 ta' Ottubru 1920 in re "Pace Axiak vs. Caruana", Kollez. Vol. XXIV, Parte I, paġ. 582; Appell 29 ta' April 1925 in re "Tabone vs. Borg Olivier" Kollez. Vol. XXVI, Parte I, paġ. 115; u Appell 1 ta' Gunju 1925 in re "Busuttil vs. Mallia", Kollez. Vol. XXVI, Parte I, paġ. 164);

Bis-sentenza fuq imsemmija in re "Tabone vs. Borg Olivier" ġie wkoll ritenut illi l-fatt li, bħal f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti rriżervat il-kap ta' l-ispejjeż "*fornisce un argomento irrefragabile che tale decisione, anzichè una sentenza definitiva, costituisce un decreto interlocutorio*";

Ikkunsidrat:

Illi, stabbilit li l-pronunċjament fuq imsemmi mhux sentenza, iżda digriet interlokutoriu, l-appell kontra tiegħu kellu isir b'rikors u fit-terminu stabbilit mill-artikolu 227 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan taħt piena ta' nullità (ara sentenza fuq imsemmija riportata fil-Volum XXVI, parte I, paġ. 115 tal-Kollezzjoni). L-appellant ma segwiex dik il-proċedura stabbilita, u għalhekk l-appell minnu magħmul huwa null; u null huwa wkoll l-appell inċidentali mressaq mill-konvenut nomine, billi dan ma jistax jissussisti mingħajr il-prinċipali;

Għaldaqshekk:

Tiddikjara null u bla effett l-appell prinċipali miġjub 'il quddiem mill-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, kif ukoll dak inċidentali miġjub 'il quddiem mill-konvenut nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu.